GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR EDUCATION

*Għeżież Ġenituri,*

Sena skolastika ġdida toffrielna l-opportunità għas-suċċess ta' wliedna - l-ikbar teżor tagħna. Matul is-sajf ħdimna bis-sħiħ biex l-ambjent ikun nadif u sikur u jinkludi l-apparat kollu meħtieġ għat-tagħlim. Fuq kollox saħħaħna l-miżuri kontra l-pandemija biex inserrħu ras kulħadd. Kulħadd mistenni jikkopera biex nirnexxu flimkien f'kull ċirkostanza li tinqala'.

L-edukaturi flimkien mal-kapijiet u l-amministraturi tal-iskejjel ippreparaw sew matul is-sajf biex kollox ikun għal-lest meta jidħlu wliedna. Se jkomplu jagħmlu ħilithom kollha biex tinżamm l-aħjar relazzjoni bejn l-iskola u l-familji li tinbena fuq ir-rispett reċiproku li jevita kull ħjiel ta' bullying, kemm fost it-tfal kif ukoll fost l-adulti.

Kunu ċerti fil-fiduċja tagħkom fl-edukaturi u l-amministraturi, li qegħdin jaqdu dmirhom lejn uliedna u lejn il-pajjiż. Kulħadd għandu rwol li jkun rispettat dejjem. Aħna l-ġenituri u l-membri tal-familja rridu nifhmu li hemm regoli ta' rispett u stima li jridu jkunu osservati biex fl-iskola tirrenja armonija u ħbiberija. F'kull diffikultà nkunu prudenti u nużaw il-mezzi proprji għal soluzzjoni.

Grazzi tal-kooperazzjoni u awguri lit-tfal tagħna.

Justyne Caruana

***Dr Justyne Caruana***

***Ministru għall-Edukazzjoni***

***28 ta' Settembru 2021***

Great Siege Road, Floriana, Malta
**T** +356 2598 1001 **M** +356 9944 0470 **E** justyne.caruana@gov.mt

**www.education.gov.mt**